# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

# ONOR. MHALLEF
# JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar it-Tlieta 11 ta' April 2017**

**Kawza Numru : 1**

**Rikors Numru : 68/2017 JPG**

**Summa Fiduciary Services Ltd (C30805)**

**VS**

**W&W Investments Ltd (C55349)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta' Summa Fiduciary Services Ltd., datat 20 ta' Jannar 2017, a fol 1 et seq, li jaqra hekk;

*Illi s-socjeta' intimata kienet inkarigat lil dik intimata sabiex forni servizzi maghrufa ahjar bhala "corporate and fiduciary services".*

*Illi s-socjeta' rikorrenti dejjem rendiet dan is-servizz u dejjem thallset ghas-servizzi rezi minnha.*

*Illi dan l-ahhar ghal xi raguni mhux maghrufa, is-socjeta' intimata bdiet ma thallasx il-fatturi li kienu qed jinhargu mis-socjeta' rikorrenti ghall-hlas tas-servizz rezi minnha.*

*Illi l-ammont dovut sallum lahaq is-somma komplessiva ta' ghoxrin elf erba' mija hamsa u erbghin ewro u tnejn u disghin centezmu (€20,445.92), kollox skond ma jidher mid-dokumenti hawn annessi w mmarkati bhala Dok. ALM3 sa ALM29.*

*Illi minkejja li s-socjeta' intimata giet interpellata sabiex thallas hija baqghet inadempjenti.*

*Illi dan id-debitu huwa cert likwidu w dovut u fl-opinjoni tar-rikorrenti l-intimati ma ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu w ghalhekk il-kawza tista' tigi deciza abbazi tal-artikolu 167 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Tghid ghalhekk is-socjeta' intimata ghaliex din il-Qorti m'ghandiex: (1) taqta' u tiddecidi l-kawza abbazi tal-artikolu 167 tal-Kap. 12 u cjoe bid-dispensa tas-smiegh; (2) tiddikjara lis-socjeta' intimata bhala debitrici tar-rikorrenti fis-somma ta' ghoxrin elf erba' mija hamsa u erbghin ewro u tnejn u disghin centezmu (€20,445.92); (3) tordna lis-socjeta' intimata sabiex thallas lir-rikorrenti dik is-somma hemm likwidata. Kollox skond kif gie dikjarat aktar 'l fuq u ghar-ragunijiet premessi.*

*Bl-imghax mid-data tal-fatturi relattivi u bl-ispejjes, kontra s-socjeta' intimata li minn issa tibqa' ingunta ghas-subizzjoni taghha.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat illi s-societa W&W Investments Ltd (C55349), giet notifikata bl-atti, inkluz l-avviz tas-smiegh fit-13 ta' Frar 2017.

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mill-kumpannija attrici u l-elenku ta' dokumenti esebiti mar-rikors mahluf;

Rat illi s-smiegh tal-kawza kien appuntat ghal 24 ta' Frar 2017.

Rat id-decizjoni taghha tas-7 ta' Marzu 2017, li fih inghata provediment.

Rat li l-atti tar-rikors guramentat regghu gew debitament notifikati lill-kumpannija konvenuta skond il-ligi flimkien mal-avviz tas-smigh tal-kawza.

Rat li kienu rispettati t-termini stabbiliti mil-ligi sabiex tqis din il-kawza bil-procedura sommarja specjali.

Rat li meta ssejhet il-kawza fl-udjenzi kollha inkluz dik tal-lum rapprezentant tal-kumpannija konvenuta baqa ma deherx.

Rat illi fl-udjenza tal-24 ta' Frar 2017 Aiden Lungaro Mifsud, Direttur tas-socjeta' attrici, ikkonferma l-invoices ezebiti ALM3 sa ALM29 u li mid-data tal-prezentata tar-rikors guramentat sal-lum il-kreditu pretiz baqa' ma thallasx.

Rat l-atti tal-kawza.

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors mahluf jirrizultaw ippruvati, l-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:–

(1) tilqa t-talba abbazi tal-artikolu 167 tal-Kap. 12 u cioe bid-dispensa tas-smiegh;

(2) tiddikjara lis-socjeta' intimata bhala debitrici tar-rikorrenti fis-somma ta' ghoxrin elf, erba' mija, hamsa u erbghin ewro u tnejn u disghin centezmu (€20,445.92);

(3) tordna lis-socjeta' intimata sabiex thallas lir-rikorrenti s-somma ta' ghoxrin elf, erba' mija, hamsa u erbghin ewro u tnejn u disghin centezmu (€20,445.92).

Bl-imghax u bl-ispejjez, kif mitluba kontra s-socjeta' intimata.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**